MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Numru 1227/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**versus**

**Jonathan Taliana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jonathan Taliana ta' 20 sena iben Michael u Josephine nee Grima mwieled Pieta fid-9 ta' Lulju 1986 residenti 112/5 St. Joseph Street Valletta, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numkru 313586(M)

Akkużat talli fil-21 ta' Ottubru 2006 u fiż-żminijiet ta' qabel f'Ħal Qormi u postijoet oħra b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda xjentement

qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija u cioe DVD's b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq.

Akkużat ukoll talli fl-istess cirkostanzi, bi qliegħ jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, ddupplika jew mod ieħor pproduca jew kkopja jew biegħ jew qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam DVDs jew ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil/jew taħt il-liġi ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Jonathan Taliana għal ħlas ta' spejjeż li jkollohm x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti intalbet ukoll biex minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali netta ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, bin-numru 3135 tas-sena 1986; il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; it-tweġbia ta' l-imputat li huwa kien ħati ta' l-imputazzjonijiet imma mhux li mmanifattura iżda li biegħ biss; id-dokument PG ppreżentat minn Dr. Patrick Galea li huwa il-kwerela; l-istqarrija ta' l-imputat mmarkata Dok JC1; id-DVDs li ttieħdu mingħand l-imputat, Dok JC2 u Dok JC3.

Ikkunsidrat

Illi mis-sottomissjonijiet magħmula quddiem il-Qorti, l-imputat kien l-ewwel jara dawn id-DVDs hu u imbgħad jpoġġiehom għall-bejgħ iżda li hu effettivament qatt ma kien mmanifatturahom personalment. In-numru involut kien wieħed zgħir ħafna.

Stante l-ammissjoni ta’ l-imputat, iż-żewġ imputazzjonijiet ġew ppruvati skond il-liġi b’dan pero illi l-imputat għandu jitqies bħala li biegħ u mhux mmanifattura.

Stante din l-ammissjoni limitata għall-bejgħ u stante li ma nġabet ebda prova min-naħa tal-prosekuzzjoni illi l-imputat mmanifattura, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dan pero dejjem fil-limiti ta’ bejgħ biss.

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 298(1)(f) u 298B tal-Kap 9 ssib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tikkundannah jħallas multa ta’ LM100 fiż-żmien mogħti mil-liġi. Hija u tikkonsidra l-piena, il-Qorti qieset li l-imputat għandu fedina penali nadifa, li ammetta mill-ewwel, li kkopera bis-sħiħ mal-pulizija u fl-aħħarnett li wera li ddispjaċieh għal dak li kien għamel. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni ta’ l-oġġetti li ġew konfiskati wara li dawn jkunu ġew preżentati fil-Qorti mhux biss formalment kif diġa’ sar iżda fiżikament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------